MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 50/2006

**Alfred Joseph Baldacchino personalment u ghan-nom u fl-interess ta` Westminster Securities Limited (C2830) u Regency Estates Limited (C237)**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fis-6 ta` Ottubru, 2006, li in forza tieghu r-rikorrenti wara li ppremettew illi:

L-esponent jilmenta li m`huwiex qieghed ikollu smiegh xieraq f`numru ta` kawzi li huwa ghandu pendenti quddiem il-Qrati Superjuri bi ksur tad-drittijiet tieghu kif sanciti fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-

artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Ir-rikorrent pro et noe jinsab litigant f`diversi kawzi li qed isirulu minn diversi persuni koncernati principalment numru ta` hwienet u officini fil-kumpless maghruf bhala Regency House, 249 u 254, Republic Street, Valletta. Senjatament il-kawzi in kwistjoni huma:

*L-Imhallef Dr. Alberto Magri et vs Advantage Adverrtising Limited*
*(Cit. Nru 442/05FS)*
*Joseph Muscat et vs Dr. Michael Tanti Dougall et (Citaz. Nru. 1106/00GC)*
*L-Imhallef Dr. Alberto Magri vs Raymond Borg et (Citaz. Nru. 454/04GCD)*
*Gladys Magri et vs Balkan Bulgarian Company Limited (Citaz. Nru. 618/97)*
*Gladys Magri et vs Market Intelligence Services Company Limited (Citaz. Nru. 619/97)*
*Gladys Magri et vs Mohnani Kishinchand Dharamdas Pen (Citaz. Nru. 1629/96)*
*Westminster Securities Limited vs Prince Shirts Company Ltd (Citaz. Nru. 3185/96GV)*
*Hobbes Clare et vs Regency Estates Limited (Citaz. Nru 1763/01)*

Originarjament l-avukat ta` fiducja tieghu kien Dr. Philip Sciberras li, ftit qabel ma gie elevat ghall-bank tal-gudikatura, kien irrakkomandah ghand avukat iehor li assuma l-patrocinju tieghu.

Xi zmien wara inholoq xi malintiz ma` dan it-tieni avukat ta` l-esponent pro et nomine u l-imsemmi avukat qabad u rrinunzja ghall-patrocinju tieghu mill-kawzi kollha fuq indikati.

Ftit wara l-esponent pro et nomine inghata kont sostanzjali ta` drittijiet u spejjez legali inkluz ammont sostanzjali ta` drittijiet ta` rinunzja.

L-esponent pro et nomine kien diga hallas parti sostanzjali minn dan il-kont pero` ghal diversi ragunijiet li fuqhom ikollu okkazzjoni jispjega f`dawn il-proceduri irrifjuta u ma setax ihallas l-ammont bilancjali ammontanti f`eluf kbar ta` liri.

Minhabba f`dan kollu u minhabba li l-avukat indikat irrifjuta li jaghti rinunzja huwa safa minghajr l-assistenza ta` avukat u dan nonostante l-proceduri gudizzjarji baqghu ghaddejjin u huwa mhux qed ikun f`pozizzjoni jiddefendi lilu nnifsu u qed isofri pregudizzji kbar u rrimedjabbli.

Huwa pprova jirratifika l-pozizzjoni tieghu b`diversi modi billi sahansitra talab l-intervent tal-Kamra ta` l-Avukati u anke adixxa lil dawn il-Qrati diversament presjeduti sabiex dawn jaghtu provediment opportuni. Pero` s`issa baqa` ma inghatax rimedju u per konsegwenza l-ebda avukat ma` ried jassumi l-patrocinju tieghu hlief f`kaz wiehed in estremis fejn kien ser jiskadilu t-terminu ta` l-appell.

Naturalment kemm il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni, meta jitkellmu fuq id-dritt ta` smiegh xieraq, jippredisponu il-jedd ta` assistenza legali mhux biss f`kawzi penali imma anke f`dawk civili.

In effetti ssir referenza ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom *CASE OF AIREY V. IRELAND* fejn intqal illi f`kawzi civili ta` certu kumplessita` n-nuqqas ta` possibilita` li wiehed ikun assistit minn avukat tammonta ghal nuqqas ta` access ghall-Qorti bi ksur ta` l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Fil-fatt f`din il-kawza Airey kienet sabitha mpossibli li tiddefendi ruhha f`kawza ta` separazzjoni minhabba li ma felhitx thallas l-ispejjez relattivi. L-istat kien issottometta illi hija dejjem setghat tidher fil-kawza inassistita u b`hekk kienet tiffranka li thallas id-drittijiet professjonali. Il-Qorti pero` ghal din is-sottomissjoni qalet hekk:

*"… litigation of this kind, in addition to involving complicated points of law, necessitates proof of adultery, unnatural practices or, as in the present case, cruelty; to establish the facts, expert evidence may have to be*

*tendered and witnesses and have to be found, called and examined.*
*…*
*For these reasons, the Court considers it most improbable that a person in Mrs. Airey's position (see paragraph 8 above) can effectively present his or her own case.*
*…*
*The Court concluded from the foregoing that the possibility to appear in person before the High Court does not provide the applicant with an effective right of access and, hence, that it also does not constitute a domestic remedy …".*

In oltre ghandu jinghad illi l-avukat indikat in effetti ikkawtela l-pretensjonijiet kollha tieghu permezz ta` mandati opportuni u allura ma jidhirx li hemm aktar skop li jirrifjuta r-*'release'* a favur avukat iehor.

Talbu lill-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

i) tiddikjara illi, minhabba l-fatt illi l-esponent jinsab zvestit mis-servizzi ta` avukat ta` fiducja tieghu fil-kawzi kollha pendenti minhabba r-ragunijiet moghtija, jilledilu d-drittijiet fundamentali tieghu fosthom artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

ii) tawtorizzah iqabbad avukat iehor ta` fiducja tieghu, u

iii) taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta` dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

1. **Legittimu kontradittur**

Preliminarjament, l-esponent Avukat Generali ma huwiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni stante illi ma tezisti ebda lanjanza kostituzzjonali versu l-esponent illi huwa ghandu jirrispondi ghaliha.

**2. Nullita tar-rikors**

Preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, in-nullita tar-rikors stante illi l-mertu u t-talbiet m`humiex ta` indole kostituzzjonali izda civili u dana skond sentenza *Sonia Zammit et v. Ministru tal-Politika Socjali*, deciza fis-27 ta` Frar, 2006.

**3. Rimedju ordinarju**

Preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz (2) ta` l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta stante li r-rikorrent m`ezawriex ir-rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni tieghu.

**4. Ebda ksur ta` l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.**

Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet migjuba minnhom fir-rikors odjern, ma jammontawx ghal ksur tad-dritt ta` smiegh xieraq, kif sancit taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u interpretat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jilmentaw illi, fil-waqt li huma parti f`diversi kawzi li ghadhom pendenti quddiem il-Qrati lokali, qed isibu diffikulta` li jkunu patrocinati minn Avukat. Originarjament, ir-rikorrent *proprio et nomine* kien ippatrocinat mill-Avukat Dottor Philip Sciberras, u wara li dana gie elevat ghall-bank tal-gudikatura, huwa approccja avukat iehor li assuma l-patrocinju tieghu. Wara xi zmien, pero`, inholoq malintiz bejn ir-rikorrenti u t-tieni avukat, bir-rizultat li dan ta` l-ahhar irrinunzja ghall-patrocinju u hareg kont tad-drittijiet tieghu. Ir-rikorrenti qed jirrifjutaw li jhallas l-ammont kollu mitlub mit-tieni avukat, peress li jqies l-istess bhala esagerat u mhux kollu dovut. Saru xi tentattivi sabiex il-partijiet jaslu f`kompromess, pero`, baqa` ma ntlahaq ebda ftehim. Minhabba f`hekk, ir-rikorrenti jallegaw li ebda avukat iehor ma ried jippatrocinhom, peress li kull avukat avvicinat ried, l-ewwel, li jkun hemm ir-*"release"* mill-avukat precedenti, u dan tal-ahhar ma riedx jaghmel dan qabel ma jithallas dak dovut lilu.

Apparti konsiderazzjonijiet ohra, din il-Qorti tara li t-tielet eccezzjoni sollevata mill-intimat fir-risposta tieghu timmerita li tigi akkolta.

Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>"Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et"</u>, (deciza fis-16 ta` Jannar, 2006) fir-rigward tal-ezistenza o meno ta` *"mezzi xierqa ta` rimedju"* ohra meta jkun qed jigi lamentat ksur tad-drittijiet fundamentali:

*"Il-gurisprudenza f`dan ir-rigward giet riassunta b`mod konciz u korrett mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju, 2004 fil-kawza fl-ismijiet Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs – kawza li qed tigi ikkonfermata minn din il-Qorti b`sentenza moghtija llum stess. F`dik is-sentenza il-Prim Awla qalet hekk: 'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-*

*dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta` ksur lamentat. M`hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci…".*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota li jekk ir-rikorrenti jqiesu l-kontijiet mahruga mit-tieni avukat bhala eccessivi jew mhux misthoqqa, huwa ghandhom rimedju legali biex jikkontestaw it-talba tal-Avukat. Kull Avukat li jitlob hlas ta` drittijiet gudizzjarji jew extra-gudizzjarji ghandu obbligu, jekk jigi mitlub, jitlob mill-Qorti taxxa ufficcjali tad-drittijiet tieghu, u dik il-persuna li tigi mitluba hlas a bazi ta` dik it-taxxa, ghandha dritt moghti mill-ligi biex tikkontesta l-istess taxxa fit-termini ndikati mil-ligi.
Ir-rikorrenti ressqu wkoll rapport quddiem il-Kamra tal-Avukati u l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, biex il-Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali, imwaqqaf bl-Att XI tal-1994 (illum Kap. 369 tal-Ligijiet ta` Malta) jinvestigaw l-agir allegatament abbuziv tal-Avukat in kwistjoni. Il-Kamra tal-Avukati dehrilha li dak li minnu kienu qed jilmentaw ir-rikorrenti *"ma jikkostitwixxix ksur tal-Kodici tal-Etika tal-avukati"*, waqt li l-Kumitat fi hdan il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ma jidhirx li beda jitratta l-kaz.

Apparti dan kollu, pero`, jekk wiehed iqies li dawn ir-*"rimedji"* ma jaghtux soluzzjoni immedjata u effettiva lir-rikorrenti, ir-rimedju kontemplat fl-artikoli 89(2) u 94 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jofri soluzzjoni effettiva u xierqa ghas-sitwazzjoni li sabu fiha r-rikorrenti. Dawn l-artikoli jipprovdu kif gej:

*"89(2) L-avukati u l-prokuraturi legali mahtura kif jinghad fis-subartikolu (1), ghandhom ukoll id-dmir li jaghtu l-assistenza taghhom li kull min, ghad li ma jkollux jedd ghal beneficcju ta` ghajnuna legali, jaghmel talba ghal dik l-assistenza lill-Qorti kompetenti u jissodisfa lill-istess Qorti, bil-mod u l-mezz li dik tordna, illi prima facie hu*

*ghandu ragunijiet tajba biex iharrek jew jiddefendi ruhu jew parti fi proceduri u li hu ma rnexxilhux li jqabbad avukat jew prokuratur legali iehor:*

*Izda l-avukat jew prokuratur legali msejjah mill-Qorti biex jaghti l-assistenza tieghu kif jinghad hawn fuq, mhux obbligat jaghti dik l-assistenza, kemm-il darba r-rikorrent ma jqieghedx f`idejn ir-registratur somma li, fil-fehma tar-registratur, tkun bizzejjed biex taghmel tajjeb ghad-drittijiet ta` l-avukat jew tal-prokuratur legali"*

*"94. Meta minhabba impediment jew rikuza ta` dawk imnizzlin fuq l-elenku, il-hatra li tinhtieg, ta` avukat, prokuratur legali jew komputista, ma tistax issir fil-persuna ta` ebda wiehed minnhom, il-Qorti tista` tahtar lil kull wiehed iehor, ghalkemm ismu ma jkunx migjub fl-elenku"*.

Dan ifisser li jekk ir-rikorrenti juru lill-Qorti li ghandhom *probabilis causa litigandi* fuq bazi prima facie, huma jinghataw assistenza ta` Avukat u Prokuratur Legali li ghandhom obbligu jaghtu l-assistenza taghhom, inattez problemi ta` hlas li r-rikorrenti jista` jkollhom mal-Avukat precedenti taghhom. (ara ghall-applikazzjoni ta` din ir-regola id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-6 ta` Dicembru, 2006, fil-kawza fl-ismijiet <u>"Said vs Bank of Valletta plc et"</u>, citazzjoni numru 906/2005). Diment li r-rikorrenti <u>ma jirnexxilhomx</u> iqabbdu avukat jew prokuratur legali iehor, hi x`inhi r-raguni, huma jistghu jaghmlu talba biex il-Qorti tahtar avukat u/jew prokuratur legali biex jassistihom, u l-avukat u/jew prokuratur legali hekk mahtur hu obbligat li jwettaq l-obbligu impost fuqu u skond l-ahjar principji u regoli tal-professjoni tieghu. Dan ir-rimedju c-cittadin ghandu dritt ghalih indipendentement mill-komplessita` o meno tal-kaz li jkun involut fih, u jaghti soluzzjoni facli ghal problema li r-rikorrenti allegatament sabu ruhhom fiha.

Dan kollu jissodisfa l-obbligu tal-istat taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-ktieb ta` <u>van Dijk u van Hoof</u>, "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (3rd Edit, 1998), jinghad f`pagna 420 illi:

*"In the Airey Case it was held that the right of access to court of the first paragraph of Article 6, although it does not imply an automatic right to free legal aid in civil proceedings, does involve the obligation for the Contracting States to make access to court possible and effective. This may compel the State to provide for the assistance of a lawyer when this proves indispensable for an effective access to Court, either because legal representation is rendered compulsory or by reason of the procedural complexity of the case. The State may also, if appropriate and possible, opt for abolition of compulsory representation and simplification of procedure to the effect that effective access to the court no longer requires a lawyer's assistance"*.

Ir-rimedju in kwistjoni jipprovdi assistenza legali f`kull kaz u hu, ghalhekk, konformi ma` dak li trid il-Konvenzjoni.

Hu veru li l-avukat nominat jista` ma jkunx necessarjament dak li dik il-persuna tkun tixtieq, imma zgur fil-kamp civili, mhux mehtieg li l-Istat jipprovdi dak l-avukat li jaghzel ic-cittadin. Fil-fatt, lanqas fil-kamp kriminali ma hemm din il-htiega, u kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz "Kamasinski", deciza fid-19 ta` Dicembru, 1989, *"the competent national authorities are required under article 6(3) to intervene only if a failure by legal aid counsel to provide effective representation is manifest or sufficiently brought to their attention in same other way"*.

Kif intwera l-Avukat mahtur ghandu d-dmir jagixxi skond l-ahjar dettami tal-professjoni tieghu, u f`kaz li dan jonqos milli hekk jagixxi, mhux biss l-Avukat jesponi ruhu ghall-proceduri dixxiplinari kontrih, pero`, fl-interess tal-klient, il-Qorti tista` tissostitwixxi ghalih avukat iehor li mhux necessarjament ikun wiehed minn dawk fuq l-elenku tal-Avukati ghall-Ghajnuna Legali. F`dan il-kaz, hu probabbli li l-Qorti, kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz "Croissant", deciza fil-25 ta` Settembru, 1992, li kienet titratta materja ta` proceduri kriminali fil-konfront tal-applikant, *"will take into account the accused's wishes"*.

Jidher car li l-azzjoni tar-rikorrenti f`dan il-kaz hija intempestiva u stante l-facilita` relattiva tar-rimedju indikat, il-Qorti thoss li ghandha ticcensura lir-rikorrenti u l-Avukati tieghu talli ma pprocedewx li juzufruwixxu ruhhom minn dik l-ghajnuna.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tilqa` it-tielet eccezzjoni tal-intimat, tiddeciedi biex tiddeklina mill-tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, peress li hemm rimedji ordinarji alternattivi a dispozizzjoni tar-rikorrenti.

L-ispejjez relattati ma` din il-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------